**30 ta' Ġunju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Avukat Dr. Maurice Aglus Vadalà ne

*versus*

Richard Soler ne.

**Konsenja tal-Merkanzija — Danni — Każ Fortuwitu — Art. 1176 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Biex id-deb'tur ta' obligazzjoni jiġi meħlus mir-responsabbiltà għad-danni minħabba dewmien fl-eżekuzzjoni tagħha, jeħtieġlu jipprova illi d-dewmien kien dovut għal każ fortuwitu jew forza maġġuri; u għalhekk, min j'jtiehem li għandu jikkonsenja merkanzija f'ċertu żmien li għandha tiġi minn barra. jeħtieġlu jipprova illi l-merkanzija waslet wara ż-żmien m'jtiehem minħabba ċirkustanzi li ma kienux prevedibbli, jew għall-anqas evitabbli.*

*Fost dawn iċ-ċirkustanzi huma annoverati t-tempesti tal-baħar u li-strike li jiġri bla ħt'ja tad debitur tal-obligazzjoni. Jekk il-fatti juru li d-debitur dam ma kkonsenja l-merkanzija għax din damet ma waslet minħabba l-maltemp u minħabba strike, u illi, kieku ma avverawx ruħhom dawn l-avvenimenti, huwa kien jikkonsenja l-merkanzija fiż-żmien miftiehem, huwa ma għandux ikun ritenut responsabbli għad-danni minħabba dewmien fil-konsenja tal-merkanzija.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi fid-19 ta' Novembru 1958 l-instanti rċieva minn għand il-konvenut nomine avviż ta' aċċettazzjoni ta' offerta li kien għamel għall-fornitura ta' kwantità ta' "aluminium foil" għall-Milk Marketing Undertaking, li kellha tiġi konsenjata fi żmien 70 ġurnata mill-istess data, u versu l-prezz u bil-kondizzjonijiet l-oħra kollha riżultanti mill-istess offerta biss; wara l-konsenja, u meta l-konvenut ġie biex iħallas il-prezz dovut ta' £1930.14.1, huwa żamm f'idejh l-ammont ta' £38.12.3, billi nvoka l-kondizzjoni numru (20) tal-kondizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt; illi fil-fatt l-esponent kien kostrett jikkonsenjaha b'dewmien

ta' 19 il-ġurnata, u ċjoè fiż-17 ta' Frar 1959, iżda dan id-dewmien kien dovut għal forza maġġuri u għal kawżi ndipendenti mill-volontà u mill-possibbiltà tal-attur, li la seta' jipprevedihom u lanqas jevitahom; u inoltre, il-klawsola kontrattwali teskludi tassattivament il-penali, u titkellem biss fuq danni, li, biex jiġu validament pretiżi, iridu jiġu pruvati bħala realment sofferti u eżistenti; illi l-konvenut, jew xi ħadd ieħor għalieh, qatt ma llamenta fuq id-dewmien, u lanqas qatt ma għamel ebda riżerva ta' danni jew ta' drittijiet oħra; prevja d-dikjarazzjoni (a) illi l-attur eżegwixxa fedelment l-obligi kontrattwali minnu assunti riferibbilment għall-premessa offerta, billi kull dewmien tal-konsenja kien dovut għal raġunijiet indipendenti mill-fatt tal-instanti, u anzi minnu imprevedibbli, u tali li ma setgħux jiġu previsti u lanqas evitati, peress li kienu derivanti minn forza maġġuri, (b) u illi, fi kwalunkwe każ, il-konvenut u jew il-Milk Marketing Undertaking ma sofrew ebda danni relattivament għal din il-fornitura, u għalhekk ma għandha ssir ebda deduzzjoni fil-prezz miftiehem dovut lill-instanti għall-istess appalt; talab li l-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £38.12.3, oltre l-imgħax fuqhom tal-5% fis-sena mill-21 ta' April 1959, per saldu tal-prezz miftiehem in segwitu għall-aċċettazzjoni tal-offerta ta' "aluminium foils" għall-Milk Marketing Undertaking notifikata lill-instanti bl-ittra tal-konvenut in data 19 ta' Novembru 1958. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' April 1959, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-attur qiegħed jibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq l-art. 1176 tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk huwa obligat jipprova illi d-dewmien fil-konsenja tal-merkanzija "de qua" sar minħabba ċirkustanza barranija li tagħha huwa ma kienx ħtija; fi kliem ieħor, li r-ritard kien dovut għal każ fortuwitu jew forza maġġuri, jiġifieri għal avveniment li ma kienx l-effett ta' azzjoni jew ommissjoni tiegħu volontarja, u li ma kienx prevedibbli jew għall-anqas evitabbli;

Id-dottrina u l-ġurisprudenza jannoveraw fost dawk l-avvenimenti t-tempesti tal-baħar (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 1225, 1226, §508), kif ukoll li-strike bla ħtija tad-debitur imprenditur (Fadda, op. u loc. ċit., §242); u l-attur qiegħed preċiżament jinvoka favur tiegħu dawn iż-żewġ avvenimenti bħala kawża estranea li kkaġunat id-dewmien fil-konsenja tal-merkanzija "de qua";

Illi mid-dokumenti eżibiti mill-attur, u ammessi bħala prova mill-konvenut (fol. 41 u 48), jirriżulta li fid-19 ta' Novembru 1958, fl-istess ġurnata li ġiet milqugħa l-offerta tal-attur, dan għamel l-ordinazzjoni tal-"aluminium foils" lis-"*Società Italiana Laminazione Aluminio*" *(S.I.L.A.)*, *li* mbgħad qabbdet għal ċertu xogħol lill-"Astra Metals & Residue Limited" ta' Londra. Din lestiet l-irkiekel (tubi) u mbarkathom fis-6 ta' Jannar 1959; iżda ma waslux Rotterdam qabel it-13 ta' dak ix-xahar, minħabba "extraordinary stormy weather", li kien obliga l-vapur jerġa jidħol fil-port. Bejn is-16 u l-20 tal-istess xahar kien hemm strike tal-ispedizzjonjieri ("forwading agents"), u l-merkanzija waslet għand is-S.I.L.A. fit-22 ta' Jannar, u minħabba dan id-dewmien tilfet l-opportunità li tilħaq Genova il-vapur tal-21 tax-xahar, li kien iwassalha Malta sal-25 tal-istess xahar, jiġifieri qabel iż-żmien stipulat mill-attur għall-konsenja, u minflok kellha tistenna vapur ieħor li minħabba l-baħar qawwi rritarda, telaq minn Genova fit-8 ta' Frar, u wasal Malta fil-11 ta' dak ix-xahar; u għalhekk il-konsenja lill-konvenut saret fit-13 ta' Frar flok fit-28 ta' Jannar;

Illi, meta jsiru l-kalkoli meħtieġa, għandu jinstab illi, kieku ma nterveniewx il-fatti fuq *miġjuba, indipendenti* mill-għemil tal-attur, dan kien jista' jikkonsenja l-merkanzija fiż-żmien miftiehem;

Illi minn dak li rriżulta ma jidherx li l-attur jew il-korrispondenti tiegħu kellhom xi ħtija fil-fatti li kkaġunaw id-dewmien; anzi dawk il-fatti la kienu prevedibbli u lanqas evitabbli; u għalhekk l-attur ma għandux ikun ritenut responsabbli skond il-liġi;

Għal dawn il-motivi;

*Omissis;*

Tiddikjara illi d-dewmien fil-konsenja tal-merkanzija lill-konvenut kien dovut għal kawża estranea għall-operat tal-attur u derivanti minn forza maġġuri; bl-ispejjeż kollha għall-konvenut nomine;

U tiddifferixxi l-kawża għas-27 ta' Ottubru 1960, biex titkompla skond il-liġi.